# PRIM AWLA QORTI CIVILI
# (Sede Kostituzzjonali)

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Ħamis**
**Wiehed u tletin (31) ta' Ottubru 2019**

**Rikors Numru 134/19 FDP**

Fl-ismijiet

**Crystal Finance Investments Limited (C-26761)**

**Vs**

**Avukat Generali u, permezz ta' digriet datat 29 ta' Awissu 2019, gew kjamati fil-kawża Simon u Consolata konjugi Mayer kif ukoll Fortunato u Carmen konjugi Mifsud, ghal kull interess illi jista' jkollhom.**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 29 ta' Lulju 2018, li permezz tiegħu s-socjeta' rikorrenti talbet is-segwenti:

   *1. Illi is-soċjeta' esponenti operat bħala provditur tas-servizzi finanzjarji u kienet u għadha soggetta għal diversi appelli minn decizjonijiet mill-Arbitru tas-Servizzi Finanzjarji relatati mal-bejgħ ta' prodotti finanzjarji fosthom:*

   ***Mayer vs Crystal Finance Investments Limited*** *(Appell Inf: 47/17);*
   ***Fortunato u Carmen Mifsud vs Crystal Finance Investments Limited*** *(Appell Inf : 50/2017) (sentenza mistennija fit-12 ta' Novembru, 2019 u l-4 ta' Ottubru. 2019 rispettivament)*

*2. Illi dawn l-appelli kollha jiġu imressqa quddiem l-istess ġudikant li diversi drabi diga' esprima l-opinjoni legali tiegħu dwar kwistjonijiet krucjali u determinanti li huma identici fin-natura taghhom u li ma jiddipendux fuq l-identita' partikolari tal-kontroparti (vide* ***Vella Mary Anne vs. Crystal Finance Investments Limited'*** *(Ref: 3/18 — 11 ta' Frar, 2019).*

*3. Aktar precizament din l-opinjoni legali espressa mill-ġudikant in kwistjoni titratta partikolarment l-obbligi tal-provditur f'dak li hu Client Reporting f'kaz ta' Advisory Services (vis a vis Portfolio Management) u dwar is-siutability tar-rating tal-Bonds (Eg. BBB, jew C-) offruti skond il-profil ta' riskju (ez: Medium, Medium/High, High) tal-utent kif ukoll kwistjonijiet ta' gurisdizzjoni;*

*4. Illi l-Ufficcju tal-Arbitru tas-Servizzi Finanzjarji gie imwaqqaf ricentament u għalhekk ma teżistix korp ta' gurisprudenza specifika li, għalkemm qatt ma torbot il-ġudikant, tista' sservi bħala espressjoni ġuridka alternattiva u addizjonali ghal opinjoni espressa mill-gudikant:*

*5. Illi t-talba ghar-rekuza tal-Imħallef precedenti fil-kawzi fuq elenkati diga' saret flimkien ma' talba għall-referenza Kostitutzzjonali dwar l-Art. 6 tal-Konvenzjoni, izda din giet micħuda in toto minn l-istess;*

*6. Illi mhux biss għandu jkun hemm imparzjalita' izda tali imparzjalita' trid tkun apparenti u mhux oskurata minn prattici ta' logistika li mhumiex l-ahjar possibbli sabiex jiggarantixxu dan;*

*7. Illi is-socjeta' rikorrenti hi tal-fehma li tali arrangament logistiku, jigifieri li jkun ġudikant wieħed biss, hu minn hu, li jiġġudika materji li dwarhom m'hemmx gurisprudenza ghajr tiegħu jew tagħha għaliex kull darba il-punt ta' tluq ta' tali gudikant hi li jkollu jaccerta o meno jekk l-opinjoni dwar kwistjoni identika minnu jew minnha espressa f'sentenzi identici tieghu hijiex ibbazata fuq misinterpretazzjoni tal-ligi*

*F'dan is-sens Vide par. 63 ta'* ***San Leonard Band Club vs Malta*** *fejn għal din ir-raguni instabet vjolazzjoni tal-Art. 6 tal-Konvenzjoni:*

> *In this connection, the Court observes that, as regards the request for a retrial, the Court of Appeal was essentially called upon to ascertain whether its previous judgment of 30th December 1993 was based on a misinterpretation of the law. Thus the same judges were called upon to decide whether or not they themselves had committed an error of legal interpretation or application in their previous decision, being in fact requested to judge themselves and their ability to apply the law.*

*Għaldaqstant, is-socjeta' esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti, stante l-urgenza,*

1. *Tagħti provvediment temporanju billi tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenzi fl-ismijiet* ***Mayer vs Crystal Finance Investments Limited*** *(Appell Inf 47/17) u* ***Fortunato u Carmen Mifsud vs Crystal Finance Investments Limited*** *(Appell Inf 50/17) (sentenza mistennija fit-12 ta' Novembru 2019 u l-4 ta' Ottubru 2019 rispettivament)*

2. *Tiddikjara li l-proċeduri kollha su elenkati jivvjolaw l-Artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem peress li m'humiex qed jigu decizi minn Qorti imparzjali*

3. *Tagħti kull provvediment iehor sabiex jigi rimedjat, inkluz li tassenja il-kaziijet fl-ismijiet* ***Mayer vs Crystal Finance Investments Limited*** *(Appell Inf 47/17) u* ***Fortunato u Carmen Mifsud vs Crystal Finance Investments Limited*** *(Appell Inf 50/17) (sentenza mistennija fit-12 ta' Novembru 2019 u l-4 ta' Ottubru 2019 rispettivament) lill-Qorti kompetenti diversament presjeduta u dan fl-ahjar interess tal-gustizzja.*

2. Rat illi fid-9 ta' Awissu 2019, l-Avukat Generali wieġeb ghal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

    1. *Illi qabel xejn, billi l-kumpannija rikorrenti qiegħda f'din il-kawza titlob fost hwejjeg ohra t-tneħħija tal-Imħallef mill-appelli Civili 47/2017 u 50/2017, allura huwa xieraq li l-partijiet kollha f'dawk l-appelli Civili jkunu parti f'din il-kawza. B'dan il-mod kulħadd ikollu l-jedd li jgħid tieghu u b'hekk hadd ma jkun jista' jigi wara u jilmenta li ttieħdet xi deċiżjoni minn wara dahru li tolqot l-appelli 47/2017 u 50/2017 fl-assenza tieghu. Jekk il-kumpannija rikorrenti bl-ispejjez taghha ma ddaħħalx lil dawn it-terzi f'din il-kawza hemm riskju kbir li minħabba ksur tal-principju tal-integrita tal-gudizzju, kull sentenza li tingħata tista' titqies bħala nulla u invalida (ara inter alia* ***Grace Spiteri vs. L-Avukat Generali*** *deċiza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' April 2018, li kienet ukoll qiegħda tistħarreg ir-rikuża ta' Imhallef);*

    2. *Illi t-tħassib u l-ilment kostituzzjonali tal-kumpannija rikorrenti kontra l-Imħallef Anthony Ellul mhuwiex wieħed mistħoqq. Ibda biex, kull Imħallef huwa maħsub u mibsur li huwa imparzjali fit-tmexxija ta' kawza li qed tinstema' quddiemu, allura jaqa' fuq il-kumpannija rikorrenti li turi li f'dan il-każ jeżistu ragunijiet oggettivi li jindikaw li l-Onorevoli Imhallef Ellul mhuwiex sejjer jaqdi d-dmirijiet*

*kostituzzjonali tieghu, kif maħluf minnu skont l-artikolu 10 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta (ara inter alia* **Aluminium Extrusions Limited vs. Malta Industrial Parks Limited***, Appell Superjuri tat-13 ta' April 2018);*

3. *Illi b'referenza speċifika ghall-ilment tal-kumpannija rikorrenti, William A. Schabas fil-ktieb tieghu, The European Convention on Human Rights: A Commentary, jikteb f'pagna 295, li "The mere fact that a Judge has participated in previous cases involving the same issues or offences does not justify concerns about impartiality' (Margus' v. Croatia (GC), No.4455/2010, § 85, 27 May 2014; Hauschildt v. Denmark, 24 May 1989, 50, Series A, no.154. Romero Martin vs Spain (dec) no. 32045/03, 12 June 2006, Ringeisen vs Austria 16 July 1971, Series A no. 13, 17, Diennent vs France 26 September 1995. Series A no; 325A, § 38, Vaillant vs France no 30609/04 29-35, 18th December 2008. Craxi III v. Italy (dec) no. 63226/00, 14 June 2001, Ferrantelli and Santangelo v. Italy, 7 August 1996 § 59. Reports of Judgments and Decisions 1996-III)";*

4. *llli huwa stabbilit ukoll li l-fatt waħdu li l-Imħallef jigi msejjaħ jiddeciedi aktar minn darba waħda kawzi li jolqtu lill-istess persuna, ma jgibx miegħu l-konsegwenza li, hekk kif jaqta' l-ewwel wahda minn tali kawzi, isir pregudikat dwar dik il-persuna fir-rigward tal-kawzi li jifdal (ara* **il-Pulizija vs. Joseph Bone** *et deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fid-9 ta' Settembru 2002 u* **Sharon Rose Roche vs. Avukat Generali** *deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Marzu 2019);*

5. *llli fil-kaz tal-lum imbilli l-Onorevoli l-Imħallef Ellul fil-passat ta' sentenza f'kawza separata, li skont il-kumpannija rikorrenti kienet tolqot l-istess principji legali li jsawwru l-appelli civili 47/2017 u 50/2017, ma jfissirx b'daqshekk li l-l-Imħallef Ellul allura huwa imparzjali jew ippregudikat. Dan aktar u aktar meta jirrizulta li kif indikat mill-Imħallef Ellul fid-digriet tieghu tal-15 t' April 2019 (Dok. AG1), l-appelli in kwistjoni "m'ghandhomx konnessjoni ma' xulxin gialadarba l-ilmentaturi m'humiex l-istess u kull kaz ghandu l-fatti partikolari tieghu";*

6. *llli wiehed irid izomm f'mohhu li l-imparzjalita oggettiva tidħol fix-xena fejn hemm il-bizgħa li l-Imħallef mhuwiex ha jiddeciedi l-kaz skont il-Ligi u fuq is-sahha ta' ragunijiet oggettivi. Għalhekk il-fatt waħdu li l-Imħallef ikun iddecieda punt legali simili ma jistax jitqies bhala raguni tajba ghar-rikuza tal-Imħallef (ara* **AIC Joseph Barbara vs. Onorevoli Prim Ministru** *et maqtugha mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Mejju 2012 u* **Philip Grima vs. Avukat Generali** *deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta' Dicembru 2013);*

7. *llli f'dan il-kuntest mhuwiex kontra l-kuncett tal-imparzjalita' oggettiva li Imħallef jaqta' bl-istess mod żewg kawzi b'kuncetti legali u fattwali li jixxiebħu. Dan bħalma m'hemm xejn ħazin li Imhallef idur għall-gurisprudenza ta' Imħallfin ohra sabiex isaħħah il-fehma u l-konkluzjoni tiegħu. Tassew huwa legittimu li Imħallef jaqta' zewg kawzi simili bl-istess mod. Wara kollox huwa principju magħruf li auctoritas rerum similiter iudicatarum;*

8. *Illi b'zieda ma' dan, il-fehma tal-kumpannija rikorrenti li Imħallef għandu joqgħod lura milli jiddeciedi kawza li tinvolvi ligi jew punt legali li huwa jkun ga ddecieda fuqhom qabel, hija spropozitu legali. Li kieku wieħed kellu jaccetta l-argumenti tal-kumpannija rikorrenti allura ma jistax ikollok gudikanti fi qrati specjalizzati tal-Ligi għaliex dejjem ha jkun hemm il-bizgħa li dak il-gudikant ha jiltaqa' ma kawza li gia' jkun iddecieda bhala qabel. Biex ma ngħidux ukoll li sitwazzjoni kif trid il-kumpannija rikorrenti tista' twassal ukoll ghal qagħda anomala fejn tista' tispicca mingħajr Imħallfin għaliex jekk per ezempju l-Imħallfin kollha jkunu xi darba taw sentenza dwar l-elementi legali tal-ispoll jew taw sentenza dwar il-ksur tal-jedd tal-proprjeta' minħabba l-Ligi tal-enfitewsi temporanja, allura dawk l-Imħallfin ma jkunux jistghu jiddeciedu kawza ohra bħalha;*

9. *Illi argument bhal dan huwa wieħed illogiku għall-aħħar għaliex li kieku jigi accettat, lanqas l-Imħallfin li jpoggu fil-Qorti Għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem ma jistgħu jitqiesu ruħhom imparzjali għaliex dawn dejjem jiddeciedu fuq l-istess drittijiet fundamentali u fuq l-istess kwistjonijiet legali. Minbarra dan, kif tajjeb tenna l-Imħallef Ellul fid-digriet tiegħu tal-15 ta' April 2019 (Dok. AG1), argument ta' din il-bixra "facilment iwassal ghal sitwazzjoni ta' stalemate"·*

10. *llli s-sentenza* ***San Leonard Band Club vs. Malta*** *msemmija mill-kumpannija rikorrenti fir-rikors tagħha ma tista' tkun ta' ebda fejda għaliha. Dan għaliex l-Imhallef Ellul fl-appelli civili 47/2017 u 50/2017 mhuwiex mitlub li jiddeciedi xi talba biex tinstema' mill-gdid xi kawza li huwa gia' ddecieda bħalma kien il-kaz tal-kazin ta' San Leonardu fejn l-Imhallfin tal-Qorti tal-Appell kienu qed jisimgħu talba ghar-ritrattazzjoni ta' decizjoni fuq applikazzjoni ħazina ta' Ligi mogħtija minnhom stess. Mod iehor, l-Imħallef Ellul fl-appelli civili 47/2017 u 50/2017 irid jiddeciedi biss jekk is-sentenzi tal-arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji ghandhomx jigu konfermati, imħassra jew mibdula;*

11. *Illi fl-ahharnett, jekk il-kumpannija rikorrenti qed tibza' li hemm cans li l-Imhallef Ellul sejjer jiddeciedi l-appelli civili 47/2017 u 50/2017 kontra taghha, allura kien ikun aktar għaqli għaliha li tonfoq l-energiji taghha biex tipperswadi lill-istess Imhallef Ellul li hija għandha raguni*

*fl-appelli taghha milli toqgħod tipprova taqla' 'l barra lill-Imhallef Ellul bi kwistjonijiet kostituzzjonali li mhumiex siewja u mistħoqqha;*

12. *llli żgur u mhux forsi, din il-kawża mhijiex ħlief abbuz tal-proceduri straordinarji marbuta mal-ħarsien tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem. Għalhekk meqjus li l-ilmenti mqanqla mill-kumpannija rikorrenti huma ta' għamla semplicement frivola u vessatorja u meqjus ukoll li din l-azzjoni tal-kumpannija rikorrenti qieghda tnaqqar mill-hin tal-qrati taghna milli jqisu kawzi ohra serji li jisthoqqilhom stharrig, l-esponent iqis li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz huwa xieraq li din l-Onorabbli Qorti tapplika kontra l-kumpannija rikorrenti dak li hemm imnizzel fl-artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni u fl-artikolu 4(5) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta;*

    *Għaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħgobha tichad it-talbiet kollha tal-kumpannija rikorrenti bl-ispejjez kontra taghha;*

3. Semghet x-xhieda ta' **Dr Yvette Tonna Borg** ghan-nom tar-Registratur tal-Qrati Civili moghtija fis-26 ta' Awissu 2019 u rat id-dokumentazzjoni minnha pprezentata in konnessjoni mal-assenjazzjonijiet tal-kawzi fl-Appelli Inferjuri.

4. Rat illi fis-26 ta' Awissu 2019, ir-rikorrenti għarrfet lill-Qorti illi riedet tagħmel talbiet addizzjonali fir-rikors promotur tagħha.

5. Rat illi fis-26 ta' Awissu 2019, ir-rikorrenti pprezentat rikors b'talbiet addizzjonali biex jiżdiedu ma dawk gia' pprezentati, u dawna huma s-segwenti:

    *(1) Illi eżattament wara is-sitt premessa, tiżdied premessa enumerata sebgha li taqra kif imiss:*

    *Illi fil-fehma tas-socjeta' esponenti, il-prassi li l-Qorti tal-Appell Inferjuri tkun ippresjeduta minn Imħallef wieħed li jiġi assenjat mingħajr 'lottery system', 'rotation' u/jew sistema oħra li tkun determinata a priori bil-Liġi u mingħajr il-ħtiega tal-intervent ta' terzi, inkluż u partikularment l-Ezekuttiv u interna jew esterna ghal Gudikatura, hi prassi illegali li timmina mhux biss l-imparzjalita' iżda wkoll l-indipendenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri).*

    *(2) li t-tieni talba tigi emendata biex taqra kif imiss:*

    *(2) tiddikjara li il-proceduri kollha su elenkati jivvjolaw l-Artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll l-Art. 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ta' dik li hi (a) legalita', (b) indipendenza u (c) imparzjalita' jew mil-liema minnhom.*

    *(3) li it-tielet talba tigi emendata biex taqra kif imiss:*

*(3) tagħti kull provvediment iehor sabiex il-lezjoni subita tigi rimedjata, inkluz li tordna li il-kazijiet fl-ismijiet* ***Mayer vs. Crystal Finance Investments Limited*** *(Appell Inf: 47/17) u* ***Fortunato u Carmen Mifsud vs Crystal Finance Investments Limited*** *(Appell Inf: 50/2017) (sentenza mistennija fit-12 ta' Novembru, 2019 u l-4 ta' Ottubru, 2019 rispettivament) jigu assenjati lill-Qorti kompetenti a bazi ta' sistema legali, pre-determinata, imparzjali u indipendenti skond l-artikoli citati fit-talba precedenti.*

6. Rat illi fis-27 ta' Awissu 2019, l-Avukat Generali irrisponda ghat-talbiet addizzjonali tas-socjeta' rikorrenti, billi qal is-segwenti:

   1. *Illi l-ilment ta' nuqqas ta' indipendenza tal-Imħallef Anthony Ellul fl-irwol tiegħu fil-Qorti tal-Appell (Kompetenza lnferjuri) mhuwiex wieħed misthoqq. Kemm il-Qorti tal-Appell (Kompetenza lnferjuri) bħala organu gudizzjarju u kif ukoll l-Imħallef Ellul bhala gudikant li jpoggi fiha, m'għandhom 1-ebda rabta mal-partijiet li qegħdin fl-appelli civili 47/2017 u 50/2017;*

   2. *Illi l-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) bħala istituzzjoni fiha nfisha ma hijiex marbuta li toqgħod fuq l-opinjoni ta' ħadd u s-sentenzi tagħha jorbtu lill-partijiet kollha li jkunu quddiemha. Sewwa sew fil-kaz tal-lum, il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) hija assolutament indipendenti kemm mill-kumpannija rikorrenti u kif ukoll mill-persuni civili l-oħra li qegħdin jidhru fl-appelli civili 47/2017 u 50/2017. Ħadd minn dawn il-partijiet m'għandu xi setgha li jikkontrolla l-Qorti tal-Appell (Kompetenza lnferjuri) sew kif tmexxi l-kawza u sew kif hija għandha taqtagħha. Anzi huma dawn il-partijiet stess li jaqgħu taht il-gurisdizzjoni tal-Qorti għaliex fl-aħħar mill-aħħar huma marbuta li joqghodu għas-sentenza ta' dik il-Qorti;*

   3. *Illi l-Imħallef Ellul fil-kwalita' tieghu ta' Imħallef ukoll jista' jitqies bħala persuna indipendenti mill-partijiet fl-appelli civili 47/2017 u 50/2017 għaliex ħadd mill-partijiet f'dawk il-proceduri ma għandu sehem fil-ħatra tiegħu, fit-tneħħija tiegħu u fiz-zmien tieghu fil-kariga ta' Imħallef. Hekk ukoll mhumiex il-partijiet li jiddeciedu liema għandu jkun l-Imħallef li jaqta' 1-kaz tagħhom;*

   4. *Illi l-fatt li l-Prim Imħallef ghandu rwol importanti fit-tqassim tax-xogħol gudizzjarju bejn l-Imħallfin mhuwiex illegali. Kontra dak li tgħid il-kumpannija rikorrenti, il-Prim Imħallef ghandu s-setgħa bil-ligi skont 1-artikolu 101 A(13) tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jagħti rakkomandazzjonijiet dwar kif ix-xogħol għandu jitqassam lill-Imħallfin;*

   5. *Illi l-kumpannija rikorrenti lanqas ma tghid sew li l-Prim Imhallef jagixxi minghajr il-htiega ta' terzi. Skont 1-artikolu 101A(13) tal-Kostituzzjoni ta' Malta t-tqassim tax-xoghol gudizzjarju jsir bis-sehem kollettiv tal-President*

*ta' Malta, tal-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja u tal-Prim Imħallef. Lanqas ma jista jinghad li dan it-tqassim isir wara 1-kwinti ghaliex dejjem skont l-Artikolu 101A(13) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Ministru għandu jippubblika minnufih fil-Gazzetta, avviz dwar dak il-fatt li fih jagħti r-ragunijiet tieghu għal dik it-tqassim u għandu jaghmel ukoll stqarrija dwar dak il-fatt lill-Kamra tad-Deputati;*

6. *Illi dan l-irwol tal-Prim Imħallef bl-ebda mod ma jista' jitqies li jxellef il-vot tal-indipendenza tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza lnferjuri). Wara kollox fil-kaz ta' illum, il-Prim Imħallef m'ghandu l-ebda interess dirett jew indirett dwar kif l-Imhallef Ellul jaqta' l-appelli illi jinstemgħu minnu. Tassew x'interess ghandu l-Prim Imhallef li kawza tinqata' mod u mhux iehor?*

7. *Illi daqstant iehor it-tqassim ta' dawn id-dmirijiet lanqas ma jgib nuqqas ta' indipendenza jew imparzjalita tal-Imhallef li gie assenjat li jisma' l-kaz. Il-Prim Imħallef ma jistax jindaħal bil-mod ta' kif 1-Imħallef Ellul imexxi l-kawzi tiegħu, bħalma lanqas ma jista' jindaħallu kif huwa għandu jaqta' l-appelli;*

8. *Illi barra minn hekk, mhuwiex il-Prim Imhallef li jagħzel liema appelli jidħlu quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) ghaliex l-għazla tal-appell hija f'idejn il-parti u mhux f'idejn il-Prim Imħallef. Jigi b'hekk, li ma hemm xejn hazin jew kontra l-Ligi li l-Prim Imħallef jiddeciedi li appelli inferjuri għandhom jinstemgħu kollha minn Imħallef partikolari. Minkejja l-assenjazzjoni tax-xogħol, l-Imhallef Ellul xorta jibqa' jgawdi mill-jedd ta' indipendenza tieghu sew fejn tidħol iz-zamma tal-ħatra tiegħu u sew fejn tidhol il-garanzija kontra l-indħil;*

9. *Illi jekk wieħed jitlaq minn premessa li kull min għandu setgha sejjer jabbuza minnha tasal ghas-sitwazzjoni li ma tista' tafda lill-hadd. F'dan ir-rigward jista' jkun li s-sistema ta' polza jew ta' rotazzjoni ta' Imħallfin msemmija mill-kumpannija rikorrenti u suggerita mill-Kummissjoni ta' Venezja fir-rapporti tagħha hija sistema ahjar u aktar trasparenti. B'daqshekk pero' dan ma jfissirx li s-sistema prezenti hija waħda anti-kostituzzjonali. Kif imtenni mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza* ***L-Onorevoli Imhallef Dr. Anton Depasquale vs. Onorevoli Prim Ministru*** *deciza fl-4 ta' Settembru 2000, "Bil-procedura kif inhi fis-sehh illum ma jfissirx li biha nstabet is-sistema perfetta li ma tagħti lok għal ebda possibilita ta' abbuz. Jekk isir l-abbuz pero', hemm is-sanzjoni tal-Ligi. Il-Kostituzzjoni ma tagħtix is-setgha lill-Prim Imħallef li jezercita din l-funzjoni b'mod abbuziv. Il-Kostituzzjoni ma tpoggix lill-Prim Imħallef il-fuq mil-Ligi ordinarja fil-kaz li jittrasgredixxi l-istess ligi. Fl-istess waqt, bil-fatt biss li fit-tqassim tad-dmirijiet ta' l-Imħallfin u tas-surrogi, fejn dawn huma meħtiega, gie mogħti rwol addizzjonali lill-Prim Imħallef, ma sar xejn li għandu jitqies bħala illi jtellef mill-indipendenza tal-Imħallfin";*

10. *Illi magħdud ma' dan it-tqassim tal-appelli inferjuri mhjiex determinata fuq fatturi soggettivi izda fuq fatturi oggettivi. Kemm hu hekk, l-Imħallef Ellul ma jismax appelli skont l-isem tal-partijiet, skont kif jiddeciedi hu jew skont kif iffettillu l-Prim Imħallef. Mod ieħor, l-Imħallef Ellul sal-lum huwa mgħobbi bid-dmir li jisma' l-appelli inferjuri kollha, ħlief dawk li jolqtu l-Ippjanar u l-Izvilupp. Għalhekk l-Imħallef Ellul, b'mod generali, jisma' l-appelli inferjuri bla ebda distinzjoni ta' min huma l-partijiet u tas-suggett involut.*

11. *Illi s-sistema ta' Imħallef wiehed fil-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) la hija illegali u wisq anqas timmina l-imparzjalita u l-indipendenza tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri). Tassew il-kumpannija rikorrenti mkien ma fissret għaliex il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) ma tizgurax l-elementi ta' indipendenza u ta' imparzjalita ghas-semplici fatt li dejjem ipoggi fiha l-istess Imħallef. Li kieku l-ilment tal-kumpannija rikorrenti huwa siewi, lanqas il-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem ma tista' titqies bhala indipendenti u imparzjali ghaliex fil-kaz ta' Malta, sakemm ma jkunx hemm kazijiet ta' astensjoni, dejjem ipoggi l-istess Imhallef Malti wiehed;*

12. *Illi fuq kollox il-kumpannija rikorrenti m'għandha l-ebda jedd li tiddeciedi hi kif ghandha tigi organizzata s-sistema gudizzjarja ta' pajjizna jew li tiddeciedi hi liema Imħallef ghandu jiddeciedi l-kaz taghha. Id-dritt tagħha huwa biss li jkollha qorti indipendenti u imparzjali u l-kumpannija rikorrenti ma wrietx kif dawn iz-zewg kuncetti jinsabu mxellfa bil-mod ta' kif inhi magħmula u topera l-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri), kif presjeduta mill-Imħallef Ellul;*

13. *Illi fis-sewwa hija l-kumpannija rikorrenti stess li b'din il-kawza kostituzzjonali qiegħda tipprova xxekkel il-kors tal-gustizzja u dan billi b'mod mhux xieraq qiegħda tipprova tindaħal u tinfluwenza l-operat tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri). Għal darba ohra għalhekk jerga' jigi mtenni li l-imgieba ħażina għandu jigbed kontra l-kumpannija rikorrenti s-sanzjoni imsemmija fl-artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni u fl-artikolu 4(5) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta;*

    *Għaldaqstant għar-ragunijiet fuq mfissra t-talbiet addizzjonali mressqa mill-kumpannija rikorrenti għandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha.*

7. Rat illi fid-29 ta’ Awissu 2019, fuq talba tal-Avukat Generali, gew kjamati in kawża Simon u Maria Consolata konjugi Mayer u Fortunato u Carmen konjugi Mifsud.

8. Rat fl-10 ta’ Settembru 2019 Fortunato u Carmen konjugi Mifsud ipprezentaw nota illi biha għamlu tagħhom id-difizi mqajjma mill-Avukat Generali (fol 128).

9. Rat illi fl-10 ta' Settembru 2019 Simon u Maria Consolata Mayer ipprezentaw nota illi biha għamlu tagħhom id-difizi mqajjma mill-Avukat Generali (fol 131).

10. Rat illi fl-10 ta' Settembru 2019, il-Qorti ddikjarat l-istadju tal-gbir tal-provi magħluq u ddifferiet il-kaz ghat-trattazzjoni finali.

11. Semgħet it-trattazzjoni finali ta' l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fit-30 ta' Settembru 2019, wara liema data il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

## Konsiderazzjonijet Fattwali

12. Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi s-socjeta' rikorrenti, Crystal Finance Investments Limited, hija soċjetà illi, inter alia, tipprovdi servizzi relatati mal-bejgħ ta' prodotti finanzjarji.

13. Jirrizulta illi, fi kliem l-istess soċjetà rikorrenti, hija "*operat bhala provdituri tas-servizzi finanzjarji u* <u>*kienet u ghadha soġġetta ghal diversi appelli minn deċiżjonijet mill-Arbitru tas-Servizzi Finanzjarji.*</u>"

14. Jirrizulta illi deċizjonijet mogħtija mill-Arbitru tas-Servizzi Finanzjarji huma soġġetti ghall-Appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), komposta minn Imħallef wiehed.

15. Jirrizulta illi, bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lill-President ta' Malta a tenur tal-Artikolu 11 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, fuq rakkomandazzjoni tal-Prim Imħallef in kariga dak iz-zmien, u b'zieda mal-arranġamenti gia eżistenti, gew assenjati biex jsimghu l-Appelli ta' kompetenza Inferjuri l-Imħallef Mark Chetcuti fil-11 ta' Ottubru 2010, l-Imħallef Anthony Ellul fl-14 ta' Mejju 2012 u l-Imħallef Joanne Vella Cuschieri fit-2 ta' Mejju 2019.

16. Jirriżulta, skond ix-xhieda tar-Registratur tal-Qorti, illi a tenur tal-Artikolu 11 (3) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, it-tqassim tad-dmirijet li sar mill-Prim Imħallef in kariga dak iz-zmien, kien jipprovdi illi l-Imħallef Mark Chetcuti jisma' biss l-Appelli tal-Awtorita' tal-Ippjanar, filwaqt illi l-Imħallef Anthony Ellul u, sussegwentement, l-Imħallef Joanne Vella Cuschieri, jisimgħu l-appelli ġenerali kollha l-oħra li jiġu intavolati quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri).

17. Jirrizulta illi, kif gia' fuq indikat, is-socjeta' rikorrenti kienet rinfaċċjata b'diversi kawżi kontra tagħha quddiem l-Arbitru tas-Servizzi Finanzjarji, li lkoll gew deċiżi kontra tagħha, u li minnhom hija appellat quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri).

18. Jirrizulta illi, in vista tad-dmijiriet kif fuq spjegati, l-appelli kollha tas-socjeta' rikorrenti gew assenjati lill-Imħallef Anthony Ellul, illi sa dak iz-zmien kien l-unika Gudikant bid-dmir li jisma' l-appelli ġenerali.

19. Jirrizulta illi fil-11 ta' Frar 2019, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), ppresjeduta mill-Imħallef Anthony Ellul, iddeċieda appell intavolat mis-socjeta' rikorrenti fil-kawża deċiża kontra tagħha mill-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji fl-ismijiet '**Mary Anne Vella vs Crystal Finance Investments Limited**', fejn il-Qorti tal-Appell kif ippresjeduta mill-Imħallef Ellul caħdet l-appell u kkonfermat id-decizjoni tal-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji kontra is-socjeta' rikorrenti.

20. Jirrizulta illi, fi kliem l-abbli konsulent legali tar-rikorrenti fit-trattazzjoni erudita tagħha, li l-klijent tagħha, ossija s-socjeta' rikorrenti qalilha "*qalli dana ha jibqa' imparzjali ... jista' jibqa' jiddeċiedi erbgha u ghoxrin (24) kaz l-istess Imħallef?*" (fol 135).

21. Jirrizulta, għalhekk illi fid-29 ta' Marzu 2019, is-socjeta' rikorrenti ipprezentat rikors fejn talbet ir-rikuża ta' l-Imħallef Anthony Ellul u, fin-nuqqas, talbet li ssir referenza Kostituzzjonali, u dana fil-proceduri tal-appell fil-kawża ta' Simon u Maria Consolat Mayer (Appell 47/17) u, presumibbilment, ta' Fortunato u Carmen Mifsud (Appell 50/17).

22. Jirrizulta illi fil-15 ta' April 2019, l-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri), ppresjeduta mill-Imħallef Anthony Ellul, caħad tali rikjesta, u qal is-segwenti, li jisthoqq li jiġi riprodott: (fol 12)

> 2. Fil-fehma tal-Qorti l-ilment tal-appellanti hu bla bażi. Din il-kawża u l-kawża **Vella vs Crystal Finance Investments Limited** m'ghandhomx konnessjoni ma' xulxin gialadarba l-ilmentaturi mhumiex l-istess u kull kaz għandu l-fatti partikolari tiegħu.
>
> 3. Il-kaz ta' San Leonard Band Club vs Malta kien differenti peress li kien jitratta procedura ta' ritrattazzjoni fejn 1-Imħallfin kienu 1-istess li ddecidew 1-appell tiegħu kienet qegħda tintalab ir-ritrattazzjoni.
>
> 4. L-appellanti argumentat li jekk din il-Qorti tisma' u tiddeciedi 1-appell, ikun ifisser li, "… tkun qed tigi mitluba jekk hi ghamlitx misinterpretazzjoni jew misapplikazzjoni tal-ligi fid-decizjoni precedenti taghha tal-11 ta' Frar, 2009 fl-ismijiet **Vella Mary Anne vs Crystal Finance Investments Limited**": Fil-fehma tal-Qorti dan it-tip ta' ragunament iwassal għal sitwazzjoni assurda li magistrat jew imhallef li jkunu taw interpretazzjoni ta' Ligi f'kawza li ma jkollha x'taqsam xejn ma' kawza ohra li tkun giet assenjata lilu, ma jkun jista' qatt jiddeciedi punt ta' ligi simili għaliex ikun diga' esprima 1-fehma tieghu f'kawza ohra li ma tkunx bejn 1-istess partijiet. Dak it-tip ta' ragunament jista' facilment iwassal ghal sitwazzjoni ta' stalemate, partikolarment f'Malta fejn in-numru ta' magistrati u mħallfin hu limitat, fejn 1-ebda ġudikant ma jkun jista' jiehu konjizzjoni ta' kawza għaliex precentement f'kawza ohra jkun ta interpretazzjoni dwar punt ta' ligi simili għal dak li jkun hemm fil-kawza fejn tintalab ir-rikuza tieghu.
>
> 5. Dwar 1-appell tal-lum il-Qorti kif presjeduta qatt m'esprimiet ruhha dwar il-merti u 1-fatti tal-kaz.
>
> 6. Inoltre, dak li setghet qalet din il-Qorti dwar 1-obbligi legali tal-provditur tas-servizzi finanzjarji m'huwiex res judicata fil-kaz tal-lum. Kull kaz għandu 1-fatti

tieghu u 1-mertu tal-kaz irid jigi deciz ukoll a bazi tal-provi li 1-partijiet ikunu ressqu f'kull kawza.

7. Fic-cirkostanzi l-Qorti m'hijiex tal-fehma li t-talba tar-rikorrenti hi gustifikata.

Għal dawn il-motivi, ticħad it-talba bl-ispejjez kontra 1-appellanti.

23. Jirrizulta illi fid-29 ta’ Marzu 2019, saret it-trattazzjoni tal-kawża **Fortunato Mifsud et vs Crystal Finance Investments Limited** (Appell 50/17), quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) u dina tħalliet għas-sentenza ghal-4 ta’ Ottubru 2019, iżda f’tali data, il-Qorti, di sua sponte, għarrfet lill-partijiet li kienet ser tistenna l-eżitu tal-kawża Kostituzzjonali qabel ma tippronunzja ruhha, u għalhekk iddifferiet il-kaz ghat-12 ta’ Novembru 2019.

24. Jirrizulta illi fit-12 ta’ Lulju 2019, saret it-trattazzjoni tal-kawża **Simon Mayer ey vs Crystal Finance Investments Limited** (Appell 47/17), u dina tħalliet ghas-sentenza għat-12 ta’ Novembru 2019.

25. Jirrizulta illi fid-29 ta’ Lulju is-socjeta' rikorrenti ntavolat il-proceduri odjerni quddiem dina l-Qorti.

26. Jirrizulta illi, fir-rikors promotur tagħha, is-socjeta' rikorrenti talbet lill-dina l-Qorti sabiex tiddikjara illi l-proceduri fuq imsemmija u li kienu ser jiġu deċiżi mill-Imħallef Anthony Ellul kienu “*jivvjolaw l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem peress li m’humiex qed jiġu deċiżi minn Qorti imparzjali*”

27. Jirrizulta illi, sussegwentement, fis-26 ta’ Awissu 2019 is-socjeta' rikorrenti intebhet b’vjolazzjoni ulterjuri u għalhekk emendat it-talba tagħha u talbet lil dina l-Qorti illi l-proċeduri fuq imsemmija u li kienu ser jiġu deċiżi mill-Imħallef Anthony Ellul kienu ser “*jivvjolaw l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll l-Art 39(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta f’dik li hi (a) legalita’, (b) indipendenza u (c) imparzjalita’ jew mil-liema minnhom*”.

28. Jirrizulta wkoll illi, fit-talba, kemm oriġinali kif ukoll addizzjonali tagħha, talbet lill-Qorti ukoll sabiex tordna li l-kawzi “*jiġu assenjati lil-Qorti kompetenti a bażi ta’ sistema legali, pre-determinata, imparzjali u indipendenti skond l-artiklu citati fit-talba precendenti.*”

## KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI

29. Jirrizulta illi s-socjeta' rikorrenti qiegħda prinċipalment tagħmel żewġt lanjanzi:

a. Illi l-fatt li, ladarba l-Imħallef Anthony Ellul gia’ ddeċieda appell fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti f’kawża illi ma għandha ebda ness mal-kawzi intavolati minn Simon Mayer et u Fortunato Mifsud et u għandha fatti differenti iżda li jaf ikollha l-istess interpretazzjoni legali għall-kawżi

ta' Mayer u Mifsud dana jfisser li għalhekk l-Imħallef Anthony Ellul ma setgħax jibqa meqjus bhala Qorti imparzjali u għalhekk s-socjeta' rikorrenti qiegħda tiġi lilha vjolata id-dritt tas-smiegh xieraq jekk l-Imħallef Ellul jiddeċiedi l-każ; u

b. Illi l-fatt li l-assenjazzjoni tal-kazijiet fuq imsemmija quddiem l-Imħallef Anthony Ellul mingħajr sistema msejjha bħala 'lottery system', 'rotation' jew sistema oħra pre-determinata bil-Ligi hija prassi illegali u timmina mhux biss l-imparzjalita' iżda ukoll l-indipendenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) u għalhekk s-socjeta' rikorrenti qiegħda tiġi lilha vjolata id-dritt tas-smiegh xieraq bil-Qorti kif komposta.

30. Il-Qorti tqis illi z-zewg lanjanzi, għalkemm imqajjma fi stadji differenti tal-proceduri odjerni, lkoll jittrattaw dwar l-imparzjalita' o meno ta' Gudikant, f'dan il-kaz l-Imħallef Anthony Ellul, u għalhekk ser jitqiesu kontestwalment.

31. Fil-kaz **RAMOS NUNES DE CARVALHO E SÁ vs PORTUGAL** deċiża mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fis-6 ta' Novembru 2018, il-Qorti kellha dan xi tgħid dwar ilmenti simili għal dawk tas-socjeta' rikorrenti:

*45. The Court reiterates that impartiality normally denotes the absence of prejudice or bias and its existence or otherwise can be tested in various ways. According to the Court's settled case-law, the existence of impartiality for the purposes of Article 6 § 1 must be determined according to a subjective test where regard must be had to the personal conviction and behaviour of a particular judge, that is, whether the judge held any personal prejudice or bias in a given case; and also according to an objective test, that is to say by ascertaining whether the tribunal itself and, among other aspects, its composition, offered sufficient guarantees to exclude any legitimate doubt in respect of its impartiality (see, for example, Kyprianou v. Cyprus [GC], no. 73797/01, § 118, ECHR 2005-XIII, and Micallef v. Malta [GC], no. 17056/06, § 93, ECHR 2009).*

*146. In the vast majority of cases raising impartiality issues, the Court has focused on the objective test (see Micallef, cited above, § 95, and Morice v. France [GC], no. 29369/10, § 75, 23 April 2015). However, there is no watertight division between subjective and objective impartiality since the conduct of a judge may not only prompt objectively held misgivings as to impartiality from the point of view of the external observer (objective test) but may also go to the issue of his or her personal conviction (subjective test) (see Kyprianou, cited above, § 119). Thus, in some cases where it may be difficult to procure evidence with which to rebut the presumption of the judge's subjective impartiality, the requirement of objective impartiality provides a*

*further important guarantee (see Pullar v. the United Kingdom, 10 June 1996, § 32, Reports 1996-III).*

*147. As to the objective test, it must be determined whether, quite apart from the judge's conduct, there are ascertainable facts which may raise doubts as to his or her impartiality. This implies that, in deciding whether in a given case there is a legitimate reason to fear that a particular judge or a body sitting as a bench lacks impartiality, the standpoint of the person concerned is important but not decisive. What is decisive is whether this fear can be held to be objectively justified (see Micallef, cited above, § 96, and Morice, cited above, § 76).*

*148. **The objective test mostly concerns hierarchical or other links between the judge and other protagonists in the proceedings** (see Micallef, cited above, § 97). It must therefore be decided in each individual case whether the relationship in question is of such a nature and degree as to indicate a lack of impartiality on the part of the tribunal (see Pullar, cited above, § 38).*

*149. In this connection even appearances may be of a certain importance or, in other words, "justice must not only be done, it must also be seen to be done" (see De Cubber v. Belgium, 26 October 1984, § 26, Series A no. 86). What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public. Thus, any judge in respect of whom there is a legitimate reason to fear a lack of impartiality must withdraw (see Castillo Algar v. Spain, 28 October 1998, § 45, Reports 1998-VIII, and Micallef, cited above, § 98).*

*150. The concepts of independence and objective impartiality are closely linked and, depending on the circumstances, may require joint examination (see Sacilor-Lormines v. France, no. 65411/01, § 62, ECHR 2006-XIII).*

32. Fil-kaz **MARGUŠ vs CROATIA** deċiża mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fis-27 ta' Mejju 2014, il-Qorti kellha dan xi tgħid dwar ilment fuq l-imparzjalita' ta ġudikant meta jintalab jerga' jiddeċiedi kwistjoni illi ġiet revokata u mibghuta quddiemu mill-gdid ghal-decizjoni:

*85. **The mere fact that a trial judge has made previous decisions concerning the same offence cannot be held as in itself justifying fears as to his impartiality** (see Hauschildt v. Denmark, 24 May 1989, § 50, Series A no. 154, and Romero Martin v. Spain (dec.), no. 32045/03, 12 June 2006 concerning pre-trial decisions; Ringeisen v. Austria, 16 July 1971, Series A no. 13, § 97; Diennet v. France, 26 September 1995, Series A no. 325A, § 38; and Vaillant v. France, no. 30609/04, §§ 29-35, 18 December 2008 concerning the situation of judges to whom a case was remitted after a decision had been set aside*

*or quashed by a higher court; Thomann v. Switzerland, 10 June 1996, §§ 35-36, Reports of Judgments and Decisions 1996III, concerning the retrial of an accused convicted in absentia; and Craxi III v. Italy (dec.), no. 63226/00, 14 June 2001, and Ferrantelli and Santangelo v. Italy, 7 August 1996, § 59, Reports 1996III, concerning the situation of judges having participated in proceedings against co-offenders).*

*86. No ground for legitimate suspicion of a lack of impartiality can be discerned in the fact that the same judge participates in adopting a decision at first instance and then in fresh proceedings when that decision is quashed and the case is returned to the same judge for re-consideration. It cannot be stated as a general rule resulting from the obligation to be impartial that a superior court which sets aside a judicial decision is bound to send the case back to a differently composed panel (see Ringeisen, cited above, § 97).*

33. Fil-kawża **Cecil Pace vs Onorevoli Prim Ministru et**, deċiża fil-Prim Istanza (Sede Kostituzzjonali) fis-6 ta' Ottubru 2001, per Imħallef Joseph Zammit McKeon, saret rassenja tal-elementi li jirrigwardaw il-kaz odjern ukoll, u dak iz-zmien, din il-Qorti kienet qalet hekk:

*Din il-Qorti diga` rrilevat li r-rikorrent qiegħed isejjes l-istanza tiegħu fil-mertu fuq l-Art.6(1) tal-Konvenzjoni.*

*L-awturi Harris, O`Boyle & Warbrick tal-ktieb "**Law of the European Convention on Human Rights**" - Second Edition – 2009 – Oxford igħidu hekk -*

*In linea ta` principju fil-pagna 201 –*

> *The Court (b`riferenza ghall-Qorti ta` Strasbourg) has stressed that "the right to a fair trial holds so prominent a place in a democratic society that there can be no justification for interpreting Article 6(1) of the Convention restrictively" (Perez v France – 2004-I ; 40 EHRR 909 para 64 GC).*

*Ikomplu fil-pagna 202 illi –*

> *The Court also allows States a wide margin of appreciation as to the manner in which national courts operate … A consequence of this is that in certain contexts the provisions of Article 6 are as much obligations of results as of conduct, **with national courts being allowed to follow whatever particular rules they choose so long as the end result can be seen to be a fair trial.** (enfasi ta` dik il-Qorti)*

*Izjed fil-pagna 204 –*

> ***In some contexts a breach of Article 6 will only be found to have occurred upon proof of "actual prejudice" to the applicant.*** *(enfasi ta` dik il-Qorti)*

*Fil-pagna 224 jinghad –*

> *Article 6 does not control the content of a state`s national law; it is only a procedural guarantee of a right to a fair hearing in the determination of whatever legal rights and obligations a state chooses to provide in its law.*

*Imbaghad aktar l-quddiem fil-pagna 251 –*

> *The right to a fair hearing supposes compliance with the principle of equality of arms. This principle,* ***which applies to civil as well as criminal proceedings****, (enfasi ta` dik il-Qorti) requires each party to be given a reasonable opportunity to present his under conditions that do not place him at a substantial disadvantage case vis-à-vis his opponent. In general terms, the principle incorporates the idea of a fair balance between the parties.*

*L-awturi Van Dijk, Van Hoof, Van Rijn, Leo Zwaak fil-ktieb "*__Theory and Practice of the European Convention on Human Rights__*" - Fourth Edition – Intersentia – 2006 jaghmlu din l-analizi -*

*Fil-pagna 578 –*

> *When is a hearing fair? In the Kraska case (sentenza tad-19 ta` April 1993) the Court took as a starting-point that the purpose of Article 6 is inter alia "to place the tribunal under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties, without prejudice to its assessments of whether they are relevant to its decision."*

*Fil-pagna 602 –*

> *The purpose of the reasonable-time requirement of Article 6(1) however is to guarantee that within a reasonable time, and by means of a judicial decision, an end is put to the insecurity into which a person finds himself as to his civil-law position.*

**Rilevanti ferm** *ghall-kawza tal-lum huwa dak li jinghad fil-pagna 607 –*

> *... only delays attributable to the state may cause a violation of the reasonable-time requirement. In particular the efforts the judicial authorities have made to expedite the proceedings as much as possible are an important factor.*

*Fis-sentenza tal-Qorti ta` Strasbourg fil-kawza "**Findlay v. United Kingdom**" tal-25 ta` Frar 1997 ingħad hekk dwar l-indipendenza u l-imparzjalita` ta` tribunal -*

> *(a) The Court recalls that in order to establish whether a tribunal can be considered as "independent", regard must be had 'inter alia' to the manner of appointment of its members and their term of office, the existence of guarantees against outside pressures and the question whether the body presents an appearance of independence.*
>
> *(b) As to the question of "impartiality", there are two aspects to this requirement. First, the tribunal must be subjectively free of personal prejudice or bias. Secondly, it must also be impartial from an objective viewpoint, that is, it must offer sufficient guarantees to exclude any legitimate doubt in this respect.*

34. Fl-istess kawża **Cecil Pace vs Avukat Generali et**, din id-darba deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Settembru 2012, il-Qorti qalet dan li gej:

> *22. Il-paragrafu 10 tal-Magna Carta of Judges approvata mill-Kunsill Konsultattiv ta' Mħallfin Ewropew fi ħdan il-Kunsill tal-Ewropa jipprovdi li:*
>
> > *"In the exercise of their function to administer justice, judges shall not be subject to any order or instruction or to any hierarchical pressure, and shall be bound only by law"*
>
> *23. Il-paragrafu 22 tar-Rakkomandazzjoni Rec(2010)12 tal-Kunsill tal-Ewropa imbagħad jelabora fuq il-prinċipju fuq imsemmi kif ġej:*
>
> > *"The principle of judicial independence means the independence of each individual judge in the exercise of adjudicating functions. In their decision making, judges should be independent and impartial and able to act without any restriction, improper influence, pressure, threat or interference, direct or indirect, from any authority, including authorities internal to the judiciary. Hierarchical judicial organisation should not undermine individual independence."*

> *24. Fiż-żewġ siltiet ċitati, għalhekk, jirriżulta kjarament li dak li jimpinġi fuq l-indipendenża tal-ġudikatura ma hux kull intervent fl-organiżżazzjoni tax-xogħol tal-Qrati iżda dak l-intervent li jinterferixxi fl-eżerċizzju tal-funzjoni aġġudikanti tal-ġudikant. Fil-każ odjern ma kien hemm ebda tali interferenza. L-ordni tal-Prim' Imħallef ma kienet tagħti ebda struzzjoni jew direzzjoni lil ebda ġudikant dwar kif kellu jiddeċiedi kwalunkwe vertenza fil-kors tal-proċeduri. Il-miżura li ttieħdet mill-Prim' Imħallef meta għamel l-ordni in kwistjoni b'ebda mod ma imminat lindipendenza individwali ta' xi ġudikant*

35. Fl-aħħar nett, il-Qorti tagħmel referenza ghal-kaz **PASQUINI vs SAN MARINO** deċiża fit-2 ta' Mejju 2019, fejn il-Qorti kellha dan xi tgħid ukoll, u li huwa rilevanti hafna għall-kuntest lokali Malti:

> *103. Lastly, the Court reiterates that it is the role of the domestic courts to manage their proceedings with a view to ensuring the proper administration of justice. The assignment of a case to a particular judge or court falls within the margin of appreciation enjoyed by the domestic authorities in such matters. There is a wide range of factors, such as, for instance, resources available, qualification of judges, conflict of interests, accessibility of the place of hearings for the parties and so forth, which the authorities must take into account when assigning a case. Although it is not the role of the Court to assess whether there were valid grounds for the domestic authorities to assign a case to a particular judge or court, the Court must be satisfied that the reassignment concerned was compatible with Article 6 § 1, and, in particular, with the requirements of objective independence and impartiality (see Sutyagin v. Russia, no. 30024/02, § 187, 3 May 2011 and the case-law cited therein).*

## KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI

36. Ikkunsidrat dana t-tagħlim kollu kif fuqipprezentat u l-principji kollha kif fuq enuncjati, il-Qorti ma tistax ma tasalx ghall-konkluzjoni illi l-ilmenti kollha mqajjma mis-socjeta' rikorrenti huma kollha mhux mistħoqqha jew gustifikati.

37. Jingħad, l-ewwel u qabel kollox, illi fil-kawzi kollha illi qed jinstemgħu quddiem l-Imħallef Anthony Ellul fejn l-appellanti hija s-socjeta' rikorrenti, il-fattispecje tal-kaz kif ukoll il-persuni li favur tagħhom ġie deċiż il-kaz mill-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji huma **totalment differenti**, u l-unika ħaġa simili illi jista' jkun hemm huma l-principji legali illi ser jiġu dibattiti quddiem tali Gudikant, ossija kwistjoni dwar ġurisdizzjoni tal-Arbitru u n-natura tas-servizz rez mis-socjeta' rikorrenti lill-klijenti tagħha, sussegwentement, rikorrenti f'kawzi illi huma ntavolaw kontra s-socjeta' rikorrenti odjerna quddiem l-Arbitru u li gew lkoll deċiżi kontra l-istess soċjetà rikorrenti.

38. Jirrizulta car, għalhekk, illi huma biss il-prinċipji legali li baqgħu l-istess, liema prinċipji huma naturalment soġġetti għall-prova tal-fatti f'kull kaz, u li għalhekk jagħmel kull kaz separat u distin minn xulxin. Tenut kont tal-fatt illi l-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem ma qisetx li neċessarjament seta' kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 6(1) meta kaz jerga' jintbagħat quddiem l-istess Gudikant biex jiddecidieh mill-gdid wara d-decizjoni oriġinali tiegħu ġiet imhassra (*Ringeisen),* ċertament ma jista' qatt jinstab vjolazzjoni tal-Artikolu 6(1) jekk Gudikant jisma kaz dwar prinċipji legali gia' minnu diskussi u deċiżi iżda in konnessjoni ma' fattispceje ta' kaz differenti u partijiet totalment differenti!

39. L-argument tas-socjeta' rikorrenti, apparti illi legalment monk, huwa wkoll illogiku u jirrazenta l-assurdita', peress illi, skond it-tezi tas-socjeta' rikorrenti, la darba Gudikant jiddeċiedi prinċipju ta' Ligi darba, huwa awtomatikament għandu jkun prekluz milli jerga' jiddeċiedi tali prinċipju legali f'kawża oħra fejn il-fatti w il-partijiet huma differenti, u huwa għandu jirrikuza ruhu stante illi gia' esprima l-veduti tiegħu dwar tali prinċipju precendentement f'kawża oħra – argument totalment fallaci u assurd u ma jsib konfort f'ebda ġurisprudenza u tagħlim.

40. Il-Qorti tagħmilha cara illi ma għandha assolutament ebda dubju, a differenza tas-socjeta' rikorrenti, illi l-Imħallef Anthony Ellul ser jiddeċiedi l-kaz kemm tal-konjugi Mayer kif ukoll tal-konjugi Mifsud, kif ukoll kawżi oħra illi jistgħu jinstemgħu quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) bl-aktar mod imparzjali u indipendenti, ibbażati fuq il-provi illi l-partijiet ikunu ressqu f'dik il-kawża.

41. Għalhekk, l-lanjanza abbażi ta' tali argumentazzjoni ma hijiex aċċettabbli.

42. Jirrizulta wkoll, illi hekk kif is-socjeta' rikorrenti fehmet illi l-argument taghha, kif fuq spjegat, ma għandha ebda bażi legali w hija bla bażi legali, hija qajjmet lanjanza oħra, din id-darba dwar il-mod kif il-kawża tiġi assenjata lill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri).

43. Jirrizulta illi s-socjeta' rikorrenti tikkontendi illi, la darba it-tqassim tax-xogħol ma kienx qed isir b'sistema ta' rotazzjoni jew bil-lotterija, jew inkella xi sistema pre-determinata bil-Ligi, għalhekk mhux talli l-imparzjalita' tal-Gudikant qed jiġi imminat, iżda wkoll l-indipendenza ta' tali Gudikant.

44. Il-Qorti, mingħajr tlaqliq, tagħmilha cara illi tali bażi ta' argumentazzjoni huwa fallaci, fieragh u vessatorju, u intiż unikament sabiex jimmina l-fiducja fil-Gudikatura, u aktar u aktar, fil-Prim Imħallef u l-figura tiegħu ta' '*primus interpares*', u hija kundannabbli.

45. Il-Qorti tosserva illi, a differenza tat-tezi mressaq mis-socjeta' rikorrenti, mhux talli ma hemm ebda sistema pre-disposta, iżda hemm sistema ċara u kristalizzata, ossija illi l-Imħallef Mark Chetcuti jieħu l-kawzi kollha tal-Appell illi jirrigwardaw l-Awtorita' tal-Ippjanar, filwaqt illi l-Imħallef Anthony Ellul jiehu l-appelli KOLLHA l-oħra. Il-Qorti mhijiex, f'dana l-istadju, ser tinoltra ruhha dwar kif qed jitqassmu l-kawzi mit-2 ta' Mejju 2019 'l quddiem, hemm kif l-Imħallef Joanne Vella Cuschieri wkoll ingħatat dmijirijet fil-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) stante

illi l-kwistjoni odjerna tirrigwarda l-kawzi ta' Mayer u Mifsud, li gew intavolati fis-sena 2017, meta l-Imħallef Anthony Ellul kien jirċievi l-appelli KOLLHA fil-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ghajr ghal dawk tal-Awtorita' tal-Ippjanar, u provi dwar is-sistema issa adoperata ma ġewxipprezentati.

46. Jirrizulta, għalhekk, illi mhux talli ma kien hemm ebda sistema determinata minn qabel, kif donnha tipprova tinsinwa s-socjeta' rikorrenti, iżda kien hemm sistema cara u inalienabbli – l-Imħallef Anthony Ellul jieħu l-Appelli kollha salv dawk tal-Awtorita' tal-Ippjanar.

47. Huwa kemmxejn difficili kif tista s-socjeta' rikorrenti toħlom b'lanjanza bhal dik minnha imressqa tramite il-konsulent legali taghha, meta sistema aktar cara minn hekk ma jistax ikun hemm.

48. Il-Qorti tosserva illi s-socjeta' rikorrenti, fit-tentattiv ddisprat taghha biex tipprova tiġġustifika l-argument bla bażi legali taghha, tagħmel referenza ghall-sentenzi tal-Qorti ta' Strasburgu, partikolarment **Miracle Europe vs Hungary** deċiża fit 12 ta' Jannar 2016, kif ippresjeduta dak iz-zmien mill-Prim Imħallef emeritus Vincent A De Gaetano, illi kien gia' Prim Imħallef għal hafna snin fil-Qrati tagħha u kien regolarment jadopera s-sistema illi s-socjeta' rikorrenti qieghda tipprova tattakka.

49. Tali referenza, madanakollu, hija totalment żbaljata, ghal kaz odjern, stante illi dik il-Qorti kellha quddiem kaz ta' "*re-assignment of a particular group of cases*", li ċertament ma huwiex il-kaz fil-kaz odjern, fejn ma kien hemm EBDA "re-assignment", iżda r-regola kienet cara sa minn **qabel ma gew intavolati** l-appelli tas-socjeta' rikorrenti, ossija illi l-appelli kollha kellhom imorru quddiem l-Imħallef Anthony Ellul!

50. Il-Qorti tosserva wkoll, illi fil-kawża fuq imsemmija, l-Qorti ta' Strasburgu għamlet tagħha kummenti illi kienet ghamlet il-Qorti Kostituzzjonali tal-Ungerija, fejn kienet qalet illi f'kaz ta' "*re-assigment*" huwa importanti illi

> "*the actual decision is taken by the own institutions of the independent, impartial court system*"

51. Il-Qorti tosserva illi l-Prim Imħallef huwa ir-rappresentant tal-Korp tal-Gudikatura w, kif inhuwa maghruf, il-"*Primus inter pares*", u dana huwa anke refless fil-Kodici tal-Procedura u Organizazzjoni Civili fejn l-Artikolu 29(8) jipprovdi dan li gej:

> *"Minghajr preġudizzju ghad-disposizzjonjiet tas-subartikolu (7), il-Prim Imħallef jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, jittrasferixxi kull kawża minn qorti ghal oħra;*
>
> ***Izda fl-ezekuzzjoni ta' din il-funzjoni l-Prim Imħallef għadu jiddiskuti l-kwistjoni mal-Imħallfin jew il-Magistrati interessati, jew waqt xi laqgħat imsejħa skond is-subartikolu 96) jew waqt laqgħa ad hoc għal dan il-għan."***

52. Illi għalhekk huwa car li kwalsiasi deċiżjoni dwar assenjazzjoni u/jew trasferiment ta' kawżi qed isir mill-Qorti innfisha, minghajr ebda indhil da' parte tal-Ezekuttiv u/jew tal-Legislatur, u għalhekk kemm l-indipendenza u l-imparzjalita' tal-Qrati u l-Gudikanti li jiffurmawha, huwa protett u assikurat.

## KONSIDERAZZJONIJIET FINALI

53. Il-Qorti tosserva illi l-Avukat Generali, kemm fir-risposta tiegħu ghar-rikors oriġinali, li saret fid-9 ta' Awissu 2019, (fol 10) kif ukoll fir-risposta addizzjonali illi saret fis-27 ta' Awissu 2019 (fol 74), talab lill-Qorti sabiex tapplika kontra s-socjeta' rikorrenti dak imnizzel fl-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(5) tal-Kap 319 u tiddikjara li l-lanjanzi mqanqla mis-socjeta' rikorrenti bħala semplicament frivoli u vessatorji.

54. Il-Qorti tħoss illi tali talba u eventwalment deċiżjoni ma tistax tittiehed b'mod legger, u l-Qorti jenhtieg illi tqis ukoll il-kuntest li wassal sabiex tali lanjanzi jitqajmu mis-socjeta' rikorrenti biex tiddeċiedi jekk tikkunsidrax tali rikjesta jew le.

55. Jirrizulta, mill-fatti kif spjegat, illi s-socjeta' rikorrenti kellha gia' diversi decizijonijet mogħtija mill-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji kkonfermati quddiem l-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ppresjeduta mill-Imħallef Anthony Ellul, fi kliem l-abbli difensur tas-socjeta' rikorrenti, hemm erbgha u ghoxrin (24) deċiżjoni oħra tal-Arbitru illi jistgħu jkunu soġġett ghall-Appell quddiem l-Imħallef Anthony Ellul, inklużi z-zewg proċeduri li wasslu ghall-kawża odjerna, ossija l-Appelli tal-konjugi Mayer u l-konjugi Mifsud.

56. Jirrizulta illi l-kawża tal-konjugi Mifsud kienet differita ghas-sentenza ghall-4 ta' Ottubru 2019, liema sentenza ma ingħatax unikament minħabba fil-proceduri odjerni, filwaqt illi l-kawża tal-konjugi Mayer hija differita għas-sentenza għat-12 ta' Novembru 2019.

57. Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi filwaqt li kullħadd għandu dritt illi jitħarsu l-jeddijiet fundamentali tiegħu, dana ma jfissirx illi tali jedd għandu jiġu abbużat b'mod lampanti sabiex jiġu vjolati drittijiet fundamentali ta' persuni oħra, bħalma huma l-konjugi Mayer u Mifsud, li qed jistennew sentenza finali favur jew kontra tagħhom tingħata.

58. Il-Qorti tosserva illi s-socjeta' rikorrenti għamlet minn kollox biex twaqqaf li jiġu deċiżi l-kawzi tal-konjugi Mayer u Mifsud, u wara li t-talba tar-rikuza magħmula lil Imħallef Anthony Ellul ġiet ġustament michuda, talbet illi ssir referenza Kostituzzjonali, u meta tali talba ma ntlaqgħetx ukoll, għamlet il-proceduri odjerni u talbet lill-dina l-Qorti sabiex twaqqaf il-proceduri quddiem l-Imħallef Anthony Ellul.

59. Huwa car, f'dan il-kaz, illi l-proċeduri straordinarji marbuta mal-ħarsien tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem qed jiġu abbużati u utilizzati sabiex jittawlu

inutilment proċeduri ta' terzi, liema proċeduri qed isiru abbażi ta' talbiet illi huwa ċarament frivoli u vessatorji u intiżi unikament sabiex itawwlu process Gudizzjarju.

60. Għalhekk, fil-kaz odjern, il-Qorti ma ssib ebda diffikulta' illi tiddikjara il-lanjazi mqajjma mis-socjeta' rikorrenti fir-rikors promotur tagħha tad-29 ta' Lulju 2019, kif eventwalment emendati fir-rikors tas-26 ta' Awissu 2019 bhala **frivoli u vessatorji**, u għalhekk japplika dettam tal-Artikolu 46 (5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4(5) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

**DECIDE:**

**Il-Qorti**

Wara illi rat l-atti kollha processwali pprezentati quddiemha,

Wara illi semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet,

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi,

**Tilqa' l-eccezzjonijet** kollha ta' l-intimati, u għalhekk

**Tichad it-talbiet kollha** tas-socjeta' rikorrenti kif kontenuti fir-rikors promotur u sussegwentement emendati kif fuq spjegat u tiddikjarahom bhala lkoll **frivoli u vessatorji**;

Spejjez kollha tal-partijiet, inkluz tal-Kjamati in kawża, ikunu a kariku tas-socjeta' rikorrenti.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMĦ)**
**Imhallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Registratur**